**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Ħamis 13 ta' Jannar, 2022

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**AĠENDA Numru 38**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 38 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar, 2022 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Stephania Grixti**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
38.5 Rapporti;
38.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
38.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Hitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
38.8 Aġġornament dwar l-Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali;
38.9 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2022;
38.10 Tender for the Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friendly Manner in Qrendi;
38.11 Performance Bonus għas-Sena 2021 tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l- Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
38.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
38.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-38 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis, 20 ta' Jannar, 2022 fil-17:30, f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Stephania Grixti |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

38.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

38.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 38.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

38.2.1 Il-Minuti tas-37 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

38.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 38.3, 38.4 u 38.5 jiġu diskussi wara Minuta 38.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 38.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

38.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-kuntrattur ingħata ultimatum li sal-1 ta' Marzu 2022 irid jitlesta x-xogħol tal-kostruzzjoni. Ġaladarba x-xogħol ma jitlestiex fil-ħin jidħlu fis-seħħ il-multi kif stipulat fil-kuntratt.

38.6.2 Is-Sindku nforma ukoll l-kamra li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali estenda l-kuntratt tal-Capital Project sat-28 ta' Frar 2022.

38.6.3 Avża li ser jibda l-proċess sabiex jinħarġu t-tenders tal-apparat tal-bandi u tad-disinn interjuri tal-binja. Kif ukoll li qed issir evalwazzjoni tal-iskema li ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar playing fields sabiex naraw nistgħux napplikaw.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

38.7 **AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**

38.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-perit iċċertifika x-xogħol u għalhekk issa jistgħu isiru l-pagamenti neċessarji sabiex tkun tistgħa tingħalaq l-iskema.

38.7.2 Fir-rigward tal-ħsara li kienet saret mill-kuntrattur, l-perit iċċertifika l-ħsarat għal somma ta' madwar €5,000. Is-Sindku ppropona li l-ħsarat isiru u jitħalsu mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

38.8 **AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL LOKALI**

38.08.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Ġimgħa 21 ta' Jannar 2022 ser tgħalaq is-sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv u b'hekk inkunu nafu jekk hemmx applikazzjonijiet.

38.08.2 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna ittra mingħand is-Sa Charlene Ellul fejn qed tinforma lill-Kunsill Lokali li ser tieqaf mill-impjieg tagħha.

38.08.2.1 Il-pass li jmiss huwa li ninfurmaw lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-Kunsill Lokali għandu l-ħsieb jingaġġa persuna klerikali ġdida fuq bażi full-time b' 40 siegħa maqsuma fuq sitt ijiem.

38.09 **AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2022**

38.09.1 Is-Sindku nforma li ma kien hemm ebda applikazzjoni għal nomini ta' persuni sabiex jingħataw Ġieħ il-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

38.09.2 Is-Sindku ppropona li f'dan l-istadju s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi ma ssirx u ssir biss il-quddiesa li tiġi ċċelebrata l-Ħadd. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ssir il-quddiesa ta' Jum il-Qrendi l-Ħadd 20 ta' Frar, 2022 fl-10:00 imbagħad isir it-tqegħid ta' kuruni ħdejn il-Monument tal-Gwerra.

## 38.10 TENDER FOR THE STREET SWEEPING AND COMMUNITY CLEANSING IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER IN QRENDI

38.10.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-fatt li l-kuntrattur tal-knis għalkemm għaddew diversi xhur minn meta rebaħ it-tender għadu ma ffirmax il-kuntratt, minkejja d-diversi notifiki li l-Kunsill bagħtlu fir-rigward.

38.101.2 Apparti dan, is-servizz tiegħu huwa wieħed mhux aċċettabli u l-attendenza ma hijiex waħda konsistenti. Huwa ppropona li nibgħatu l-aħħar ittra legali sabiex jirregola ruħu u f'każ li jonqos jiġi tterminat il-kuntratt tiegħu. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

38.10.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa saqsa jekk bħala Kunsill nistgħux noħorġu sejħa għall-ingaġġ ta' 2 impjegati li jservu bħala kenniesa minflok ma noħorġu tender għas-servizz, dan sabiex il-Kunsill ikollu aktar kontroll fir-rigward. Ser tiġi mitluba direzzjoni fir-rigward lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 38.11 PERFORMANCE BONUS GĦAS-SENA 2021 TAL-ASSISTENT PRINĊIPAL U L-UFFIĊJAL EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

38.11.1 Is-Sindku David Schembri ressaq quddiem il-membri tal-Kunsill Lokali l-*performance appraisals* tal-Assistent Prinċipal u l-Executive Officer.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

38.11.2 Ippropona li t-tnejn li huma għandhom jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* tagħhom, jiġifieri 6%.

38.11.3 Is-Sindku David Schembri ppropona, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

38.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimanent dwar din il-proposta.

## 38.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

38.3.1 Is-Sindku nforma l-kamra li l-isqaq magħruf mhux uffiċċjalment bħala 'Tal-Mejda' ingħata l-concrete u nbidlu l-ħitan tas-sejjiegħ. Dan l-isqaq li jinsab bla isem, s-Sindku ppropona li jingħata l-isem ta' Sqaq il-Misqa. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

38.3.2 Il-Kamra ġiet infurmata mis-Sindku li fi-28 ta' Jannar 2022 ġie mistieden għal-laqgħa rigward l-iskema Proġetti fil-Komunita' maħruġa mill-LESA, minħabba li aħna konna applikajna sabiex nagħmlu numru ta' sqaqien.

38.3.3 Is-Sindku kompla jgħid li ħarġet skema oħra dwar sinjali rurali. Qal li ser ikun qed jinforma aktar ruħu dwar din l-iskema biex naraw x'nistghu nigwadanjaw bħala kunsill.

38.3.4 Fir-rigward tal-iskema tal-Playing fields s-Sindku qal li ikun għaqli li napplikaw sabiex isir il-bandli li hemm qrib l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid.

38.3.5 Is-Sindku tkellem dwar talba li saret minn Transport Malta sabiex ngħaddulhom lista ta' toroq li għandhom bżonn isiru mill-ġdid. Huwa għaddielhom lista ta' toroq pero ma nafux meta ser jibda u jekk hux ser ikunu inklużi fil-lista tal-proġetti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

38.3.5.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis saqsiet dwar Triq il-Ġwiewel minħabba li qegħda fi stat ħażin ħafna. Is-Sindku nfurmaha li kienu saru numru ta' rapporti lill-Enforcement Unit tal-Planning Authority fir-rigward.

38.3.6 Fir-rigward tal-bandli tal-Warda, s-Sindku nforma l-kamra li saru l-arranġamenti neċessarji skont ir-rapport tal-MCCAA sabiex issa nkunu nistgħu nieħdu l-fondi li applikajna mal-Planning Authority fir-rigward.

38.3.7 Is-Sindku qal li bħala Kunsill applikajna għal Best Film Locality minħabba li l-Qrendi deher f'numru ta' films, serje televiżivi, etċ. Ir-riżultat tar-rebbieħa huwa bbażat fuq in-numru ta' votazzjonijiet mill-pubbliku.

38.3.7.1 Qal ukoll li saret applikazzjoni għal Malta Sports Award fejn is-serata li kellha issir il-preżentazzjoni ġiet posposta.

37.3.8 Is-Sindku nforma l-kamra li ħarġet skema dwar l-attivitajiet kulturali għas-sena 2022. Saret diskussjoni fir-rigward fejn ġie deċiż li għal din is-sena ma napplikawx minħabba li l-pandemija għadha b'saħħitha.

37.3.9 Tressqu fuq il-mejda żewġ kwotazzjonijiet fir-rigward ta' servizzi għal xogħol fuq proċessar ta' tenders. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li x-xogħol jingħata lil irħas offerent.

37.3.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva proposta sabiex isiru żewġ sleeping policeman fl-'iSqaq il-Misqa'. It-talba ser tiġi riferuta lil Transport Malta għal direzzjoni u implimentazzjoni min-naħa tagħhom.

37.3.11 Is-Sindku tkellem dwar talba mill-Iskola Helen Keller fejn talbuna nħalsu l-miżata ta' €15 għall-ECO Skola. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 38.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

38.4.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis talbet feedback mill-kamra dwar il-booklet li ppreparat fir-rigward tal-ħarsien tal-annimali. Is-Sindku nfurmaha li ser jagħtieha risposta aktar ʻil quddiem.

38.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkelmet ukoll dwar Bus Stop fi Triq it-Tempesta li jidher li qed iqattar l-ilma meta tagħmel ix-xita. L-ilment ser jiġi riferut lil Faces Malta.

38.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis saqsiet dwar xi pagamenti tal-VET minħabba li kienu għadhom ma tħalsux. Is-Sindku tkellem dwar il-fatt li l-qtates suppost ikunu microchipped f'isem il-Kunsill u ġie miftiehem li nkelmu lil Animal Welfare għal kjarifika fir-rigward.

38.4.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa tkellem dwar il-Mobile App fejn Il-Kunsill għadda l-proposti tiegħu dwar xi arranġamenti neċessarji u issa qed nistennew li tinqaleb is-sistema minn Android għal IOS sabiex tkun tistgħa tiġi ffinalizzata u llonċjata.

## 38 .5 RAPPORTI

38.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 38.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

38.12.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Stephania Grixti resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €26,654.02 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/22 u €70.34 skont il-Petty Cash Ref Y/12.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

38.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

38.12.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis u l- Viċi Sindku Patrick Bugeja issekondaw din il-proposta.

38.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 38.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

38.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 22 ta' Frar, 2022 fil-17:30.

**Stephania Grixti**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**